A.L. 79 ta' l-2008

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

REGOLI TA' L-2008 DWAR IL-KONTIJIET TAT-TAXXA (TAXXA FUQ L-*INCOME*)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa Regoli ta' l-2008 dwar il-Kontijiet tat-Taxxa (Taxxa fuq l-*Income*).

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ mis-sena ta' stima 2008.

Profitti allokati fil-kont tat-taxxa finali.

3. B'seħħ mis-sena ta' stima 2008 u s-snin ta' stima li jiġu wara ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu li jirriżulta minn dan li ġej għandhom ikunu allokati fil-kont tat-taxxa finali:

a) profitti wara t-taxxa li jirriżultaw minn *income* li dwaru tkun tħallset it-taxxa skond id-dispożizzjonijiet dwar l-*income* minn investiment irrispettivament mill-fatt li l-kumpannija li tirċievi l-*income* ma tkunx ir-riċevitur għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet dwar *income* minn investiment;

b) profitt li jkunu gew eżentati mit-taxxa taħt id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi Maltija u fejn it-tqassim ta' dawn il-profitti mill-kumpannija jkun eżentat mit-taxxa f'idejn l-azzjonisti;

ċ) L-ammont ta' *income* taxxabbli li t-taxxa li għandha titħallas fuqu tkun ġiet meħlusa mill-pagament bis-saħħa ta' xi krediti ta' taxxa meta t-tqassim ta' dawn il-profitti jkun eżentat mit-taxxa f'idejn l-azzjonisti;

d) dividendi mħallsa minn profitti allokati għall-kont tat-taxxa finali ta' kumpannija oħra;

e) il-profitti wara t-taxxa miksuba mit-trasferiment ta' proprjetà taxxabbli skond l-artikolu 5A ta' l-Att, li għandhom jiġu ddeterminati kif preskritt fis-subartikolu 10(d) ta' l-imsemmi artikolu 5A;

f) il-profitti wara t-taxxa li skond id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet ta' Malta ma jkunux suġġetti għat-taxxa meta dawn il-profitti jiġu mqassma minn kumpannija lil kwalunkwe persuna u fejn, fuq dan it-tqassim, l-ebda persuna ma jkollha l-jedd li titlob krediti tat-taxxa dwar xi taxxa mħallsa fuq dawn il-profitti;

g) il-profitti taxxabbli wara t-taxxa ta' kumpannija li tkun eżerċitat l-għażla msemmija fl-artikolu 48(4A)(b)(i)(1) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa miksuba meta ma kinetx kumpannija b'kummerċ internazzjonali;

A.L. 49 ta' l-2005.

h) l-ammont li għandu jiġi allokat għall-kont intaxxat f'Malta ikkalkulat skond ir-regola 13 tar-Regoli ta' l-2005 dwar Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja;

i) profitti li jirriżultaw minn *income* jew qliegħ li għalihom jista' u jkun ġie applikat l-Artikolu 12 (1)(u) ta' l-Att);

j) profitti li jirriżultaw minn xi għotja jew sussidju fejn it-tqassim ta' dawn il-profitti ikun eżenti mit-taxxa f'idejn l-azzjonisti;

k) profitti wara t-taxxa li jirriżultaw minn kirjiet li għalihom japplika l-Artikolu 31A ta' l-Att;

l) l-ammont ta' l-*income* taxxabbli li t-taxxa li tkun trid titħallas fuqu tkun ġiet meħlusa mill-pagament bis-saħħa ta' krediti ta'taxxa skond ir-regoli jew regolamenti li ġejjin:

A.L 135 ta' l-2001.

i. Ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Promozzjoni tan-Negozju;

A.L. 187 ta' l-2003.

ii. Ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kreditu ta' Taxxa għall-Investiment mill-Ġdid;

A.L. 330 ta' l-2005.

iii. Ir-Regoli ta' l-2005 dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Riċerka u Żvilupp);

A.L. 331 ta' l-2005.

iv. Ir-Regoli ta' l-2005 dwar Kreditu ta' Taxxa (Operazzjonijiet *Back Office*);

A.L. 332 ta' l- 2005.

v. Ir-Regoli ta' l-2005 dwar Kreditu ta' Taxxa (Sidien u Operaturi ta' Mħażen li Jinsabu f'Zoni Ħielsa);

vi. Ir-Regoli ta' l-2005 dwar Kreditu ta' Taxxa (Negozju Elettroniku); A.L. 333 ta' l-2005.

vii. Ir-Regoli ta' l-2005 dwar il-Kreditu ta' Taxxa għall-Investiment mill-Ġdid; A.L. 334 ta' l-2005.

viii. Ir-Regoli ta' l-2005 dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Kwalifiki Ġenerali u Speċifiċi); A.L. 335 ta' l-2005.

ix. Ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Kreditu ta' Taxxa (Infrastruttura Awdjoviżiva) magħmula taħt l-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta; A.L. 66 ta' l-2006.

m) Il-profitti msemmija f'xi wieħed mill-paragrafi preċedenti li fi tmiem il-perjodu ta' kontjar li jispiċċa fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima 2007 ma jkunux ġew imqassma.

4. Għall-finijiet tar-Regola 3, l-ammont ta' profitti li fuqhom it-taxxa li kellha titħallas ġiet meħlusa bis-saħħa ta' xi krediti ta' taxxa msemmija f'dik ir-regola 3, għandu jiġi kkalkolat bid-diviżjoni ta' l-ammont tal-kreditu ta' taxxa bir-rata jew bir-rati ta' taxxa li biha l-*income* taxxabbli tal-kumpannija tkun taxxabbli, u fejn dak l-*income* taxxabbli jkun ġie intaxxat b'rati ta' taxxa differenti l-kreditu ta' taxxa għandu l-ewwel jitqies li jkun ħeles dik il-parti ta' l-*income* taxxabbli li tkun ġiet intaxxata bir-rata l-aktar baxxa.

5. (1) B'seħħ mis-sena ta' stima 2008 u fis-snin ta' stima li jiġu wara ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu li jkunu miksuba f'xi sena li taħbat minnufih qabel xi waħda minn dawk is-snin ta' stima li jkunu soffrew taxxa u li ma jkunux iridu jiġu allokati lill-kont tat-taxxa finali għandhom ikunu allokati lill-kont ta' proprjetà immobbli. Dan l-ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu għandu jkun magħmul mill-ammonti imsemmijin fis-sub-regoli 2 u 3 meħuda flimkien. Kont ta' proprjetà immobbli.

(2) Dividendi mħallsa minn profitti allokati lill-kont ta' proprjetà immobbli ta' kumpannija oħra;

(3) Kull profitt, qliegħ jew *income* miksub, direttament jew indirettament, minn proprjetà immobbli f'Malta li jkun magħmul minn:

(a) l-ammont ta' *income* taxxabbli wara t-taxxa li jirriżulta minn kull profitt jew qliegħ ta' kull tip miksub mit-trasferiment ta' din il-proprjetà immobbli jew ta' kull dritt fuq din il-proprjetà jew marbut magħha;

(b) l-ammont ta' *income* taxxabbli wara t-taxxa miksub minn kirjiet, *premiums*, provvista ta' akkomodazzjoni u kull *income* jew qliegħ irrispettivament minn kif deskritti u ta' kwalunkwe tip miksuba, direttament jew indirettament minn dik il-proprjetà immobbli inklużi:

(i) kull qliegħ jew profitti miksuba minn kull operazzjoni ta' *timeshare* jew kull operazzjoni oħra ta' natura simili;

Kap. 406.

(ii) kull qliegħ jew profitti miksuba mill-provvista ta' akkomodazzjoni kif imfisser fl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fejn dan il-qliegħ jew profitti jkunu kkalkulati b'referenza għall-valur tal-bejgħ li jkun suġġett għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bir-rata ta' 5% skond il-partita '1.' tat-Tmien Skeda ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jew li kienu jkunu hekk suġġetti kieku dik il-kumpannija ma tkunx obbligata li timponi t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għaliex tkun irreġistrata taħt l-artikolu 11 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (hawnhekk iżjed 'l quddiem f'dawn ir-regoli dan il-bejgħ issir referenza għalih bħala "il-bejgħ Vatabbli bil-5%"); u fejn dan il-qliegħ jew profitti jkunu miksuba minn kummerċ jew negozju jew attività li tinkludi l-provvista ta' servizzi jew oġġetti minbarra l-provvista ta' akkomodazzjoni ta' dan it-tip, dan il-qliegħ jew profitti għandhom jiġu kkalkulati bid-diviżjoni tat-total ta' *income* taxxabbli ta' l-imsemmija kumpannija minn dak il-kummerċ, negozju jew attività bil-valur tal-bejgħ totali tagħha minn dak il-kummerċ, negozju jew attività oħra u l-multiplikazzjoni tar-riżultat bil-valur tal-Bejgħ Vatabbli bil-5% minn dak l-istess kummerċ, negozju jew attività oħra. Għal dan il-għan il-kumpanniji li jiksbu *income* mill-provvista ta' akkomodazzjoni għandhom iżommu rekords ta' l-ikkontjar b'tali mod li l-qliegħ jew profitti miksuba mill-provvista ta' akkomodazzjoni jkunu jistgħu jiġu aċċertati malajr bil-mod kif provdut hawnhekk. Meta kumpannija tikseb *income* mill-provvista ta' akkomodazzjoni u ma' żżommx dawn ir-rekords ta' l-ikkontjar il-profitt kollu tagħha għandu jitqies li jkun inkiseb mill-provvista ta' akkomodazzjoni.

(ċ) l-ammont ta' *income* taxxabbli wara t-taxxa miksub minn xogħol magħmul jew marbut ma' din il-propjretà immobbli li jikkonsisti minn senserija jew servizzi professjonali, xogħol ta' kostruzzjoni, immaniġġjar ta' proġetti ta' kostruzzjoni u xogħol ta' nies tas-sengħa;

(d) l-ammont ta' *income* taxxabbli wara t-taxxa li jirriżulta mill-provvista ta' servizzi ta' immaniġġjar marbuta ma' kull attività li permezz tagħha jinkiseb *income* mill-provvista ta' akkomodazzjoni li ssir referenza għaliha fil-paragrafu b(ii), u fejn bħala riżultat ta dik l-attività ikun ġenerat *income* mill-provvista ta' servizzi jew oġġetti minbarra l-provvista ta' akkomodazzjoni ta' dan it-tip, dan il-profitt għandu jiġi kkalkulat bid-diviżjoni ta' l-*income* miksub mis-servizzi ta' immaniġġjar imsemmija bil-valur tal-bejgħ totali ta' dik l-attività u l-multiplikazzjoni tar-riżultat bil-valur tal-bejgħ ta' dik l-istess attività li huwa Vatabbli bil 5%;

(e) l-ammonti li ġejjin li għandhom jiġu iddeterminati gross qabel kwalunkwe tnaqqis:

(i) l-imgħaxijiet, ħlasijiet jew kull kumpens ieħor ikunu kif ikunu deskritti, miksuba, direttament jew indirettament, mill-għoti ta' self jew minn kull forma ta' kreditu sabiex ikun iffinanzjat l-akkwist, l-iżvilupp, il-bini, ir-ristrutturazzjoni jew ir-rinnovament ta' din il-proprjetà immobbli jew kull dritt fuqha inklużi l-ħlasijiet professjonali relatati magħhom (inklużi ħlasijiet marbuta ma' l-akkwist ta' finanzi) u kull ħaġa oħra li żżid jew ittejjeb il-valur ta' din il-proprjetà immobbli jew kull dritt fuqha;

(ii) *premiums* ta' assigurazzjoni marbuta ma' l-assigurazzjoni ta' din il-proprjetà:

Iżda meta l-allokazzjoni ta' profitti skond dan il-paragrafu ma tkunx tista' ssir għal xi sena minħabba li ma jkunx hemm profitti jew profitti biżżejjed li jkunu sofrew taxxa, l-ammont li għandu jiġi allokat lill-kont ta'proprjetà immobbli skond dan il-paragrafu, jew parti minnu, li għal din ir-raġuni ma setax jiġi allokat għandu jiżdied ma' l-ammont li għandu jiġi allokat għas-sena ta' wara u jitqies bħala parti minn dak l-ammont, u jekk ma jkunx hemm ammont bħal dan f'dik is-sena, jitqies li jkun l-ammont li għandu jiġi allokat għal dik is-sena u bl-istess mod fis-snin li jiġu wara;

(f) il-profitti l-oħra kollha jkunu kif ikunu deskritti fejn il-Kummissarju jkun tal-fehma li l-profitti msemmija ikunu miksuba direttament jew indirettament minn din il-propjetà immobbli u f'dak il-każ il-Kummissarju jista' jistabbilixxi l-mod ta' kif dawk l-profitti għandhom jiġu stabbiliti;

(g) profitti jew qliegħ wara t-taxxa ikunu kif ikunu deskritti li jinkisbu mid-disponiment ta' azzjonijiet jew interessi oħra f'xi entità li tkun, direttatment jew indirettament, proprjetarja prinċipali ta' din il-proprjetà immobbli;

(h) l-ammont tal-kera annwali tas-suq ta' dik il-proprjetà immobbli li tkun proprjetà u użata mill-kumpannija għall-attivitajiet tagħha (minbarra proprjetà li tkun mikrija mill-imsemmija kumpannija lil oħrajn) kkalkulat billi tiġi mmultiplikata l-arja superfiċjali kumplessiva f'metri kwadri tas-sulari kollha ta' dan il-fond ta' proprjetà tagħha u użat minnha b'sittin Euro (Euro 60) kull sena: iżda l-allokazzjoni ta' profitti lill-kont ta' proprjetà immobbli skond dan il-paragrafu għandha ssir wara li jkunu saru l-allokazzjonijiet kollha skond ir-regola 5(2) u l-paragrafi l-oħra ta' din is-sub-regola u meta l-allokazzjoni ta' profitti skond dan il-paragrafu ma tkunx tista' ssir f'xi sena partikolari għaliex ma' jkunx hemm profitti jew ma jkunx hemm profitti biżżejjed li jkunu soffrew taxxa, l-ammont li għandu jiġi allokat lill-kont ta'proprjetà immobbli skond dan il-paragrafu, jew parti minnu, li għal din ir-raġuni ma setax jiġi allokat għandu jiżdied ma' l-ammont li għandu jiġi allokat għas-sena li tiġi wara u jitqies bħala parti minn dak l-ammont, jew jekk m'hemmx ammont bħal dan f'dik is-sena, jitqies bħala l-ammont li għandu jiġi allokat għal dik is-sena u bl-istess mod fis-snin li jiġu wara.

(4) Sabiex ikunu allokati il-profitti għall-kont ta' proprjetà immobbli skond il-paragrafi (e) u (h) tas-sub-regola (3) l-allokazzjoni ta' profitti għall-kontijiet tat-taxxa għandha ssir mingħajr konsiderazzjoni għall-imsemmija żewġ paragrafi u wara dan l-ammonti li għandhom ikunu allokati għall-kont ta' proprjetà immobbli skond l-imsemmija żewġ paragrafi għandhom (safejn ma jkunux diġà ġew trasferuti għall- kont ta' proprjetà immobbli skond din is-sub-regola) ikunu trasferiti mill-ammont ta' profitti li jistgħu jitqassmu miksuba fil-perjodu ta' ikkontjar li jispiċċa fis-sena ta' qabel is-sena ta' stima 2008 u s-snin ta' stima ta' wara li kienu jkunu, mingħajr ma jittieħed kont ta' l-imsemmija żewġ paragrafi, allokati għall-kont intaxxat f'Malta u l-kont ta' *income* barrani; u għal dan il-għan dan l-ammont għandhu l-ewwel nett ikun trasferit minn ammonti li kieku kienu jkunu allokati għall-kont intaxxat f'Malta u wara minn ammonti li kieku kienu jkunu allokati għall-kont ta' *income* barrani.

(5) L-ammont li ma' jistax jiġi allokat għall-kont ta' proprjetà immobbli skond il-paragrafi (e) u (h) tas-sub-regola (3) minħabba li ma jkunx hemm profitti jew profitti biżżejjed li jkunu ġew intaxxati għandu jkun l-ammont li ma' jistax ikun allokat għall-kont

tal-proprjetà immobbli skond il-proċedura stabbilita fis-sub-regola (4) hawn fuq.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' din ir-regola hija bla ħsara għarraba' proviso tad-difinizzjoni ta' kont ta' *income* barrani fl-artikolu 2 ta' l-Att u l-paragrafi (e) u (h) tas-sub-regola (3) m'għandhomx, sas-sena ta' stima 2011, japplikaw għall-kumpanniji li għalihom l-imsemmi proviso kien applikkabli għas-snin ta' stima kollha mis-sena ta stima 2008 sas-sena ta' stima 2011.

Interpretazzjoni.

6. (1) Ix-xogħol ta' nies tas-sengħa għandu jinkludi iżda m'għandux ikun limitat għal xogħol li jikkonsisti minn jew li huwa relatat ma' xogħlijiet ta' l-elettriku, *plumbing* , tpoġġija ta' madum, xogħol ta' fili u kisi, xogħol ta' ġibs, xogħol ta' żebgħa, tħaffir u tindif ta' siti, xogħol ta' twaqqiegħ, xogħol ta' ġibs fuq in-niexef u kull xogħol ieħor imwettaq fuq il-proprjetà immobbli.

(2) Għall-finijiet tal-paragrafu (h) tar-regola 5(3):

(a) Il-proprjetà li tkun ta' kumpannija b'titolu ta' ċens għandha titqies li tkun proprjetà ta' dik il-kumpannija; u

(b) meta kumpannija tuża proprjetà immobbli għall-finijiet ta' l-attivitajiet tagħha li tkun proprjetà ta' persuna relatata mingħajr ebda kumpens jew għal kumpens li fl-opinjoni tal-Kummissarju ikun inqas mill-valur tas-suq tal-kera ta' dik il-proprjetà u l-imsemmi kumpens ikun anqas minn sittin Euro (Euro 60) kull metru kwadru kull sena, l-imsemmija proprjetà immobbli għandha titqies li tkun ta' proprjetà ta' l-imsemmija kumpannija u l-ammont li għandu jiġi allokat għall-kont proprjetà immobbli skond ir-regola 4(3)(h) għandu jitnaqqas bl-ammont ta' kumpens imħallas mill-imsemmija kumpannija lill-persuna relatata għall-użu ta' l-imsemmija proprjetà immobbli; u għal dan il-għan persuna għandha titqies li tkun relatata ma' kumpannija jekk:

(i) dik il-persuna jew il-kumpannija jkunu, direttament jew indirettament, ikkontrollati jew ta' proprjetà benefiċċjarja għal aktar minn 25% mill-istess persuni; jew

(ii) dik il-persuna jkollha l-proprjetà, diretta jew indiretta, ta' aktar minn 25% tal-kapital azzjonarju jew drittijiet ta' vot tal-kumpannija; jew

(iii) dik il-persuna, fi kwalunkwe kapaċità inkluża dik ta' *trustee*, iżżomm dik il-proprjetà jew tirċievi l-imsemmi

kumpens għal jew fl-isem ta' jew għall-benefiċċju ta' persuna relatata.

Ikkontjar ta' taxxa li jkun materjalment ħazin.

7. Meta fi prospett ta' taxxa l-allokazzjoni ta' profitti li għandha ssir skond dawn ir-regoli u l-Att tkun materjalment ħażina, il-Kummissarju jista' jqis li dak il-prospett ta' taxxa ma jkunx komplet fl-aspetti materjali kollha għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(5) ta' L-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Skemi ta' investiment kollettiv.

8. Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regoli, dawn ir-regoli għandhom fir-rigward ta' skemi ta' investiment kollettiv ikunu applikabbli b'effett mis-sena ta' stima 2009 u snin ta' stima sussegwenti u għall dan il-għan il-kliem "sena ta' stima 2007" fir-regola 3(m) ta' dawn ir-regoli għandu jiġi sostitwit bil-kliem "sena ta' stima 2008".